Nru./No. 21,294
Prezz/Price
€6.48

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024
Friday, 2nd August, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 23,279 - 23,291
Government Notices ..... *23,279 - 23,291*

Avviżi tal-Pulizija ..... 23,291 - 23,296
Police Notices ..... *23,291 - 23,296*

Avviżi lill-Baħħara ..... 23,296 - 23,299
Notices to Mariners ..... *23,296 - 23,299*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 23,300 - 23,392
Employment Opportunities ..... *23,300 - 23,392*

Avviżi tal-Gvern ..... 23,392 - 23,400
Notices ..... *23,392 - 23,400*

Offerti ..... 23,400 - 23,408
Tenders ..... *23,400 - 23,408*

Avviżi tal-Qorti ..... 23,408 - 23,418
Court Notices ..... *23,408 - 23,418*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 981

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-MINURI (ĦARSIEN ALTERNATTIV) (KAP. 602)

Ħatra tal-Bord ta' Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 31 tal-Att dwar il-Protezzjonital-Minuri (Ħarsien Alternattiv) (Kap. 602), il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal approva l-ħatra tal-Bord ta' Reviżjoni għall-Ħarsien tal-Minuri kif jidher hawn taħt:

Chairperson
Dott. Juliana Scerri Ferrante

Membri
Is-Sa Victoria Bugeja
Is-Sa Svetlana Cassar
Dott. Kevin Sammut Henwood
Dott. Bernardette (Nadette) Spiteri
Is-Sa Monya Vassallo

Segretarja
Is-Sa Dorita Ellul

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' erba' snin u b'seħħ mill-1 ta' Lulju, 2024.

It-2 ta' Awwissu, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 981

MINOR PROTECTION (ALTERNATIVE CARE) ACT (CAP. 602)

Appointment of the Minors Care Review Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 31 of the Minor Protection (Alternative Care) Act (Cap. 602), the Minister for Social Policy and Children's Rights has approved the appointment of the Minors Care Review Board as shown hereunder:

Chairperson
Dr Juliana Scerri Ferrante

Members
Ms Victoria Bugeja
Ms Svetlana Cassar
Dr Kevin Sammut Henwood
Dr Bernardette (Nadette) Spiteri
Ms Monya Vassallo

Secretary
Ms Dorita Ellul

These appointments are for a period of 4 years with effect from 1st July, 2024.

2nd August, 2024

Nru. 982

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ADOZZJONI (KAP. 495)

Bord għall-Adozzjoni

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ħatar il-Bord għall-Adozzjoni, għal perjodu ta' sentejn b'seħħ mit-22 ta' Lulju, 2024, kif ġej:

Chairperson
Dott. Michael Buhagiar

No. 982

ADOPTION ADMINISTRATION ACT (CAP. 495)

Adoption Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 3 of the Adoption Administration Act (Cap. 495), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has appointed the Adoption Board, for a period of two years with effect from 22nd July, 2024, as follows:

Chairperson
Dr Michael Buhagiar

Membri
Is-Sur Philip Borg
Is-Sur Mario Caruana
Dott. Laner Cassar
Is-Sur Bryan Degabriele
Dott. Ian Ellul
Dott. Sandra Hili Vassallo
Dott. Karen Mugliett
Dott. Marta Sant
Is-Sa Natasha Vella
Dott. Dennis Zammit

Segretarja
Is-Sa Nadya Hansen

It-2 ta' Awwissu, 2024

Members
Mr Philip Borg
Mr Mario Caruana
Dr Laner Cassar
Mr Bryan Degabriele
Dr Ian Ellul
Dr Sandra Hili Vassallo
Dr Karen Mugliett
Dr Marta Sant
Ms Natasha Vella
Dr Dennis Zammit

Secretary
Ms Nadya Hansen

2nd August, 2024

Nru. 983

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

It-Terminu ta' Bidwi Professjonali għall-finijiet ta' Eżenzjoni mit-Taxxa tas-Suċċessjoni ai termini tal-Artikolu 35 tal-Kap. 364 tal-Liġijiet ta' Malta

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 35 (10) (a) tal-Kap. 364 ossia l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura jistabbilixxi illi bidwi professjonali, sabiex ikun jista' jikkwalifika għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni fuq art agrikola, għandu jikklassifika u jkun meqjus bħala bidwi li jiġġestixxi azjenda kummerċjali u li jaqa' jew taħt il-Kategorija 4 jew taħt il-Kategorija 5 kif stabbilit fl-Avviż tal-Gvern Nru. 896 ta' nhar it-12 ta' Lulju, 2024 ppubblikat skont ir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 639.10 Regolamenti dwar il-Kategorizzazzjoni tal-Bdiewa.

Kull min japplika sabiex ikun jista' jikkwalifika għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni fuq art agrikola u jistqarr illi huwa meqjus bħala bidwi professjonali, kif spjegat hawn fuq, għandu jippreżenta il-kategorizzazzjoni tal-azjenda kummerċjali li tkun inħarġet mid-Direttorat tal-Agrikoltura.

Peress illi l-kategorizzazzjoni tal-azjenda kummerċjali ser tkun qed tinħareġ mid-Direttur tal-Agrikoltura minn Marzu, 2025, dawk l-applikanti li jaqgħu taħt il-kategoriji hawn fuq indikati, illi japplikaw għall-eżenzjoni mit-taxxa tas-suċċessjoni fuq art agrikola għandhom jippreżentaw il-kategorizzazzjoni tal-azjenda kummerċjali tagħhom fi żmien xahar mid-data tal-ħrug tal-kategorizzazzjoni.

It-2 ta' Awwissu, 2024

No. 983

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

The Term Professional Farmer for the purposes of Succession Tax Exemption under Article 35 of Cap. 364 of the Laws of Malta

BY VIRTUE of Article 35 (10) (a) of Cap. 364 that is the Tax on Documents and Transfers Act, the Minister responsible for Agriculture establishes that a professional farmer, in order to qualify for succession tax exemption on agricultural land, shall classify and be regarded as a farmer managing a commercial holding and falling under either Category 4 or Category 5 as established in Government Notice No. 896 of the 12th July, 2024 published in terms of regulation 3 of Subsidiary Legislation 639.10 Categorisation of Farmers Regulations.

Anyone who applies for the qualification of succession tax exemption on agricultural land and declares that he is regarded as a professional farmer, as explained above, that farmer shall submit the categorisation of the commercial holding issued by the Directorate of Agriculture.

Since the categorisation of the commercial holding will be issued by the Director of Agriculture from March, 2025, those applicants falling under the indicated categories above, and apply for the succession tax exemption on agricultural land, shall present the categorisation of their commercial holding within one month from the date of issue of the categorisation.

2nd August, 2024

Nru. 984

UFFIĊĊJU TAL-KAP ARALDU TAL-ARMI TA' MALTA

Regolamenti dwar l-Araldika u l-Ġenealoġija

NGĦARRFU illi bis-saħħa tal-provvediment tal-artiklu 9(2) tar-Regolamenti tal-2021 dwar Araldika u l-Ġenealogija (A.L. 489 tal-2021) (L.S. 445.07), Il-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta jgħarraf illi l-persuni msemmija aktar 'l isfel applikaw għall-Konċessjoni/Reġistrazzjoni ta' Armi mill-Uffiċċju tal-Kap Araldu tal-Armi ta' Malta.

Kulħadd jista' jgħarraf lil Kap Araldu tal-Armi ta' Malta sa mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata (21) wara l-pubblikazzjoni ta' rapreżentazzjonijiet validi u konklużivi favur jew kontra l-applikazzjoni. Dawn ir-rapreżentazzjonijiet għandhom jkunu indirizzati lir-Reġistratur jew bil-miktub jew permezz tal-posta reġistrata lill-Uffiċċju tal-Kap Araldu jew b'mod elettroniku permezz ta' email fuq l-indirizz tal-email (chiefherald@gov.mt).

G0116: Bell of Auchinreoch, Andrew Ronald McMillan (UK)

Aħmar salib Erminée fil- canton tan-naħa Dexter ras ta' ljun maqtugħa u b'ilsien lewn id-Deheb. Fuq it-tarka hemm kuruna ta' Baruni li minnha ħiereġ elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Aħmar minn fuq u lewn il-Fidda minn taħt li għandu bħala Kresta, fuq kappell chapeau Aħmar bil-faldi tal-ermellin, nofs iljun rampanti lewn id-Deheb b'dembu fourchée, li jżomm fl-id Dexter pennun Aħmar li fih canton Ikħal li fuqu hemm salib saltire lewn il-Fidda.

Fuq parċmina fuq il-Kresta hemm l-għajta tal-battalja (crie de guerre): ΑΛΑΛΑ ΑΛΑΛΑ

Fuq parċmina taħt it-tarka hemm il-Motto "MIEUX VAUT S'USER QUE ROUILLER".

Bħala sostenituri, fuq kul naħa hemm kavallier b'armatura ta' tlett kwarti jħares il-quddiem affronte' lewn id-Deheb., u kull wieħed jżomm bl-id ta' barra lanza lewn il-Fidda li għandha bandiera fejn dik tan-naħa Dexter hija Sewda b'pantera rampanti thares lejk guardant lewn il-Fidda bin-nar ħiereġ minn widnejha u ħalqha lewn Naturali , liebsa Kullar li minnu hemm imdendla qanpiena ta' lewn Ikħal. Il-bandiera tan-naha Sinister għandha sitt faxex Barry lewn id-Deheb u Koħol. L-id ta' ġewwa tistrieh fuq it-tarka, waqt li kollox jinsab fuq għolja Compartment ta' lewn Aħdar mżejjen semy bi fjuri Maltese Rock Centaury Cheirolophus crassifolius bil-weraq ta' lewn Naturali.

No. 984

OFFICE OF THE CHIEF HERALD OF ARMS OF MALTA

Heraldry and Genealogy Regulations

IN terms of the proviso to article 9(2) of the Heraldry and Genealogy Regulations 2021 (L.N. 489 of 2021) (S.L. 445.07), the Chief Herald of Arms of Malta hereby notifies that the persons listed hereunder have applied for the provision/ registration of heraldic arms from the Office of the Chief Herald of Arms of Malta.

Anyone is to inform the Chief Herald of Arms of Malta by not later than twenty one (21) days after publication of any valid and cogent representations for or against the application. Such representations shall be addressed to the Registrar either in writing by means of registered mail to the Office of the Chief Herald or electronically by means of email to the email address (chiefherald@gov.mt).

G0116: Bell of Auchinreoch, Andrew Ronald McMillan (UK)

Gules a cross Erminée in the dexter canton a lion's head erased langued Or. Above the Shield is placed the coronet of a Baron issuant from which is a Helm befitting his degree with a mantling Gules doubled Argent, bearing for a Crest on a chapeau Gules turned up Ermine a demi-lion rampant Or queued fourchée, holding in its dexter paw a pennon Gules bearing a canton Azure charged with a saltire Argent.

On an Escrol above the Crest, this crie de guerre: ΑΛΑΛΑ ΑΛΑΛΑ

On an Escrol below the Shield this Motto "MIEUX VAUT S'USER QUE ROUILLER".

For Supporters, On either side a Knight in three-quarter armour affronte' Or, each holding with his outer hand a lance Argent bearing a banner, the dexter banner Sable a Panther rampant guardant Argent incensed proper, gorged with a Collar pendent therefrom a Bell Azure, the sinister banner Barry of six Or and Azure a canton Ermine, the inner hand resting on the shield, the whole upon a Compartment Vert semy of Maltese Rock Centaury (Cheirolophus crassifolius) slipped all proper.

Reg. 0071: Scarpi De Claricini, Prof. Daniele (Italy)

Maqsuma fi Kwarti , L-Ewwel u r-Raba' lewn il-Fidda żewġ chevronels bil-pizzi engrailed lewn Aħmar bejn żewġ wardiet tat-tieni lewn biż-żerriegħa lewn id-Deheb fiċ-Chief, u warda Ħamra fil-bażi biż-żerriegħa lewn id-Deheb.(għal Scarpi)

It-Tieni u t-Tielet , in pale siġra tat-tuffieħ ta' lewn Naturali bil-frott fi-tlieta lewn id-Deheb (għal Claricini)

Fuq it-tarka hemm kuruna ta' Baruni li fuqha hemm elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Aħmar minn fuq u lewn il-Fidda minn taħt li għandu bħala Kresta fuq girlanda tal-istess ilwien nofs grifun lewn id-Deheb bid-dwiefer u ilsien Ħomor

Motto: INTUS RENOVATUR

G0101: Schoof, Johann Jochim Friedrich Christoph (Germany-posthumous)

Alteration of Arms:

Maqsuma fi tlieta Per Chevron lewn id-Deheb tapit tat-tiben li fuqu hemm tlett qatet tas-segala Hodor kollha, bejn fiċ-Chief ta' lewn Ikħal hemm żewġ ġewżiet lewn id-Deheb , u fil-bażi ta' lewn Aħmar hemm gewża tal-istess lewn bħal ta' fuq. Fuq elmu li jixraq il-grad tiegħu bid-drappeġġ Aħdar minn fuq u lewn id-Deheb minn taħt hemm bħala Kresta fuq girlanda tal-stess ilwien gendus Iswed bl-ilsien Aħmar u l-qrun lewn il-Fidda li qed iżomm il fuq fis-sieq Dexter rixa filwaqt li qiegħed bilqegħda wara skrivanija ta' lewn Naturali li fuqha hemm mifruxa parċmina bil-motto AS 'N OSS.

Dr Charles A. Gauci
Kap Araldu tal-Armi ta' Malta

It-2 ta' Awwissu, 2024

Nru. 985

ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT (KAP. 549)

Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent

Estensjoni tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fir-Ramla (Għawdex)

Skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 69 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi b'dan qed testendi l-validità tal-Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni tal-Bejta tal-Fekruna fir-Ramla (Għawdex), kif stabbilit fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 915 ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,287 tad-19 ta' Lulju, 2024, sas-7 ta' Ottubru, 2024.

It-2 ta' Awwissu, 2024

Reg. 0071: Scarpi De Claricini, Prof. Daniele (Italy)

Quarterly, 1st & 4th Argent, two chevronels engrailed Gules between two roses of the Same seeded Or in chief and a rose Gules seeded Or in base (for Scarpi)

2nd & 3rd Gules, in pale an apple branch proper fructed of three Or (for Claricini)

Above the shield is a baronial coronet above which is a helm befitting his degree with mantling Gules doubled Argent bearing for a crest on a wreath of the colours a demi griffin Or armed and langued Gules.

Motto: INTUS RENOVATUR

G0101: Schoof, Johann Jochim Friedrich Christoph (Germany-posthumous)

Alteration of Arms:

Tierced per chevron Or tapissé of thatch, bearing three rye thatch garbs Vert all between in chief Azure two walnuts of the First, in base Gules a similar walnut . Upon a helm befitting his degree with mantling Vert doubled Or is set for a crest on a wreath of the liveries an ox Sable langued Gules, horned Argent, holding aloft in his dexter hoof a quill and seated at a writing desk proper, draped over which is a scroll bearing the motto: AS 'N OSS.

Dr Charles A. Gauci
Chief Herald of Arms of Malta

2nd August, 2024

No. 985

ENVIRONMENT PROTECTION ACT (CAP. 549)

Article 69 of the Environment Protection Act

Extension of the Turtle Nesting Emergency Conservation Order of Ir-Ramla (Gozo)

IN accordance with the provisions of Article 69 of the Environment Protection Act, the Environment and Resources Authority is hereby extending the validity of the Turtle Nesting Emergency Conservation Order of Ir-Ramla (Gozo), as laid down in Government Notice No. 915 published in Government Gazette No. 21,287 of the 19th of July, 2024, until 7th October, 2024.

2nd August, 2024

Nru. 986

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-triq imsemmija fil-Mosta, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 986

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned street at Il-Mosta, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-MOSTA

TRIQ IL-BISTRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kostituzzjoni

Left side entering from Triq il-Kostituzzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Lagea	1
Grada	3
Ta' Bistra Farmhouse	5
Grada	7
Bieb bla numru	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kostituzzjoni

Right side entering from Triq il-Kostituzzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	2
Sit bla bini	4
Sit bla bini	6
Sit bla bini	8
Sit bla bini	10
Garaxx	12
Bieb bla numru	14
13, Casa Napolitana	16
Garaxx	18
15, S. Andrea	20
17	22
19	24
Bieb bla numru	26
Memories (Flettijiet)	28
Daħla għall-garaxxijiet	30
Bieb bla numru	32
Silver Dawn (Flettijiet)	34
Garaxx	36
27, Faith Hope & Charity	38
Daħla għall-garaxxijiet	40
Tarġa Gap Court	42
Pax	44
Speranza (Flettijiet)	46
Garaxx	48
Garaxx	50
Marphil (Flettijiet)	52
Daħla għall-garaxxijiet	54
Ta' Bistra Residence, Block B	56
Ta' Bistra Residence, Block A	58
Bieb bla numru	60
Daħla għall-garaxxijiet	62
Il-Kennija	64
Bieb bla numru	66
Grada	68

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	70
Il-Katakombi ta' Bistra	72

It-2 ta' Awwissu, 2024

Nru. 987

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FL-IMSIDA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1571 tat-18 ta' Novembru, 2022, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fl-Imsida', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd August, 2024

No. 987

NUMBERING OF DOORS AT L-IMSIDA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 1571 dated 18th November, 2022, under the title 'Numbering of doors at L-Imsida', the following amendments in **bold** should be made.

L-IMSIDA

3. TRIQ GARCIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Irmiġġ

Left side entering from Triq l-Irmiġġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Irmiġġ

Right side entering from Triq l-Irmiġġ

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Kapparino (Garaxx)	2
Sit bla bini	4
Sit bla bini	6
Garaxx	8

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**2**
Bieb bla numru	**4**
Garaxx	**4A**
Peprina Court	**6**
8 (Garaxx)	8

It-2 ta' Awwissu, 2024

Nru. 988

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 700 tal-21 ta' Mejju, 2021, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd August, 2024

No. 988

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 700 dated 21st May, 2021, under the title 'Numbering of doors at Il-Mellieħa', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

2. TRIQ IL-QORTIN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kbira

Left side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Nilaya	93
Sit bla bini	95

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kbira

Right side entering from Triq il-Kbira

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	97		
Tower View	99		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
93, Nilaya	93		
Bieb bla numru	**95**		
Selmun Mansions (Flettijiet)	**95A**		
Bieb bla numru	**97**		
99, Tower View	99		

It-2 ta' Awwissu, 2024

Nru. 989

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 647 tas-27 ta' Lulju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd August, 2024

No. 989

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 647 dated 27th July, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

13. TRIQ IL-BUFULA ĦAMRA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Waqqafa

Left side entering from Triq il-Waqqafa

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Waqqafa

Right side entering from Triq il-Waqqafa

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	1-7		
Garaxx	9		
The Haven	11		
Garaxx	13		
Sayonara	15		
Garaxx	17		
Madonnina	19		
Sit bla bini	21-23		
Centenial	25		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	1		
Sit bla bini	3		
Sit bla bini	5		
Haven Court	**7**		
Tereża	**9**		
Garaxx	**11**		
Garaxx	13		
15, **Madeira**	15		
17 (Garaxx)	17		
19, Madonnina	19		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru (Flettijiet)	**21**		
Daħla għall-garaxxijiet	**23**		
25, Centenial	25		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Redeemer	51		
Garaxx	53		
Il-Warda	55		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
51, Redeemer	51		
Bieb bla numru	**51A**		
53 (Garaxx)	53		
55, Il-Warda	55		

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Graziella	67		
Anthea	69		
Garaxx	71		
Garaxx	73		
Garaxx	75		

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
67, Graziella	67		
Salvia Court	**69**		
Daħla għall-garaxxijiet	**71**		
75 (Garaxx)	75		

* In-numru 73 mhux se jintuża peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

It-2 ta' Awwissu, 2024

Nru. 990

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 629 tal-20 ta' Lulju, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

2nd August, 2024

No. 990

NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 629 dated 20th July, 2001, under the title 'Renumbering of doors at In-Naxxar', the following amendments in **bold** should be made.

IN-NAXXAR

12. TRIQ IL-FORĠA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Leli Falzon

Left side entering from Triq Leli Falzon

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Leli Falzon

Right side entering from Triq Leli Falzon

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Musique	30

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	32
		Bieb bla numru (Dar)	34
		Little Flower	36
		Garaxx	38
		Garaxx	40
		Pont De Vue	42
		Garaxx	44
		Elmar Cottage	46

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		30, Musique	30
		Garaxx	**32**
		32	**32A**
		Summer Dew (Flettijiet)	**34**
		36, Valley Suites	**36**
		36, Little Flower	**38**
		Garaxx	**38A**
		Garaxx	**40**
		42, Pont De Vue	**42**
		42A (Flettijiet)	**42A**
		44 (Garaxx)	44
		46, Elmar Cottage	46

24. TRIQ L-IFRAN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Santa Luċija

Left side entering from Triq Santa Luċija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
7, The 1794 House	11
Sit bla bini	13-19
Garaxx	21
EneMalta – Sub-Station	23

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Santa Luċija

Right side entering from Triq Santa Luċija

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
11, The 1794 House	11		
Sit bla bini	13		
Sit bla bini	15		
17 (Flettijiet)	**17**		
19	**19**		
Daħla għall-garaxxijiet	**21**		
23 (Sub-Station)	23		

Nru. 991

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern Nri. 647 tas-27 ta' Lulju, 2001 u 921 tas-6 ta' Novembru, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 991

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notices Nos. 647 dated 27th July, 2001and 921 dated 6th November, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

38. TRIQ TA' MLIT

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Ħuttaf

Left side entering from Triq il-Ħuttaf

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	5
Sit bla bini	7-13
Hill Crest	15
Garaxx	17
Bieb bla numru (Dar)	19
Garaxx	21
Bieb bla numru (Dar)	23
Bieb bla numru (Dar)	25
Sit bla bini	27-31
Id-Duluri	33

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Ħuttaf

Right side entering from Triq il-Ħuttaf

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Flamenco	20
Ratisundara	22
Garaxx	24
Osprey	26
Garaxx	28
Calcas	30

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
5 (Garaxx)	5
Casa Degli Angeli	**7**
Wild Horses	**7A**
Thumbelina	**9**
New Wave	**9A**
My Nest	**11**
Żerniq	**13**
Daħla għall-garaxxijiet	**13A**
15, **Woodcock**	15
17 (Garaxx)	17
19	19
21 (Daħla għall-garaxxijiet)	21
23A, Organza	23
23B, **Petrina**	23A
25, **Sirmione**	25
Daħla għall-garaxxijiet	**27**
29	**29**
Preston (Flettijiet)	**29A**
Bieb bla numru	**31**
33, Id-Duluri	33

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
20, Flamenco	20
22 (Flettijiet)	**22**
Osprey Apartments	**24**
Garaxx	**26**
28 (Garaxx)	28
30, Calcas	30

Nru. 992

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 919 tal-20 ta' Awwissu, 2004, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 992

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 919 dated 20th August, 2004, under the title 'Renumbering of doors at San Ġwann', the following amendments in **bold** should be made.

SAN ĠWANN

TRIQ IN-NAXXAR

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Birkirkara

Left side entering from Triq Birkirkara

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Birkirkara

Right side entering from Triq Birkirkara

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sagra Familia	88
Ħanut	90
Ħanut	92
Ħanut	94
Ħanut	96
Ħanut	98
Ħanut	100
Ħanut	102
St Michael	104
4, Lorenz House	106
Ħanut	108
Ħanut	110

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
88, **Robson's**	88
90, **Epic (Ħanut)**	90
92 (Ħanut)	92
94 (Ħanut)	94
96, **Lourdes Pharmacy (Ħanut)**	96
98, **Lourdes Optician**	98
100, **Shoe Garden (Ħanut)**	100
102, **Akdeniz (Ħanut)**	102
104, **Mcsims (Ħanut)**	104
Bieb bla numru (Flettijiet)	**106**
Bieb bla numru (Uffiċċju)	**108**
108, The Convenience Shop (Ħanut)	**108A**
110, **Izibet (Ħanut)**	110

Nru. 993

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIN-NAXXAR

Żieda

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 959, tal-1 ta' Diċembru, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fin-Naxxar', għandha ssir din iż-żieda kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 993

NUMBERING OF DOORS AT IN-NAXXAR

Addition

WITH reference to Government Notice No. 959, dated 1st December, 2000, under the title 'Renumbering of doors at In-Naxxar', the following addition in **bold** should be made.

IN-NAXXAR

56. TRIQ IL-MAROKK

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġibiltà *Left side entering from Triq Ġibiltà*		In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġibiltà *Right side entering from Triq Ġibiltà*	
		għandhom jiżdiedu *should be added*	
Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Daħla għall-garaxxijiet	**2**
		7, Botanic Mansions (Flettijiet)	**4**

It-2 ta' Awwissu, 2024

2nd August, 2024

Nru. 994

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

Avviż skont l-Artikolu 61(1)

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il- Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgharraf lill-persuni msemmija aktar l-isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 46 Triq il-Merkanti, il-Belt sabiex jigbru l-avvizi maghmula fuqhom.

No. 994

DUTY ON DOCUMENTS AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)

Notice in terms of Article 61(1)

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfer Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department, 46, Triq il-Merkanti,Valletta, to collect the notices made on such persons.

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Camilleri Clint	489088M	IV 156884
Falzon Andrew	379062M	IV 158867
Pace Keith	327480M	IV 158898
Xuereb Garry	332989M	IV 158956
Galdes Anne	26959M	IV 156946
Azzopardi Peter	59137M	IV 158532
Grech Amanda	232482M	IV 156504
Scicluna Kurt et	70591M	IV 157003
Mifsud Cutajar Mark Anthony et	136778M	IV 156970
Xuereb Restrepo Sanchez Alfred	138379M	IV 157340
Gili Joseph	304572M	IV 156430
Mangion Charmaine	560491M	IV 156862

Isem *Name*	Karta tal-Identità *ID Number*	Numru tat-Talba *Claim Number*
Muscat Clinton	131887M	IV 156894
Muscat Clinton	131887M	IV 156919
Spiteri Anthony	489257M	IV 157162
White Rosalind Victoria Mary	369804L	IV 156852
Klavins Juris	179720L	IV 159058
Cremona Luke	208103L	IV 158859
Bartl Franz Josef	167582A	IV 156315
Santori Andrea	145406A	IV 159201
Chmaj Rafal	317564A	IV 158812
RK Developments Limited	Roc. No.: C 89435	IV 156762
JG Developments Limited	Roc. No.: C 40025	IV 158506
JPM Brothers Limited	Roc. No.: C 31612	IV 157163
JPM Brothers Limited	Roc. No.: C 31612	IV 157161
Liquid Arrow Limited	Roc. No.: C 100293	SV 051209
Finocchiaro Alfio Gerard	624189913	SV 051480
Polidano Sebastian	163595M	SV 051383

It-2 ta' Awwissu, 2024

Nru. 995

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
2.8.2024	€71.792	€0.852

2nd August, 2024

No. 995

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

It-2 ta' Awwissu, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 183

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

2nd August, 2024

POLICE NOTICE

No. 183

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar it-Tlieta, 20 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Caravaggio.

Ħad-Dingli

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja minn Triq Claudette Agius;

Nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., vetturi tat-trasport pubbliku mhux se jkunu jistgħu jgħaddu minn Triq Claudette Agius u Triq il-Merill;

Nhar is-Sibt, 3 ta' Awwissu, 2024, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja minn Misraħ Ġużè Abela;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. sas-2.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja minn Misraħ Ġużè Abela, Triq il-Parroċċa u Triq Santu Rokku;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, ħadd ma jista' jipparkja fl-ispazju miftuħ Dylan Zahra (mit-8.00 a.m. 'il quddiem) u Triq Ġużè Ellul Mercer (mis-2.00 p.m. 'il quddiem);

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mis-2.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Parroċċa;

On Thursday, 15 ta' Awwissu, 2024, from 9.00 a.m. till 11.30 a.m., ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Parroċċa u Misraħ Ġużè Abela;

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu, 2024, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Parroċċa u Misraħ Ġużè Abela. Għeluq ta' toroq mill-5.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ Ġużè Abela. Għeluq ta' toroq mit-8.00 p.m. 'il quddiem fi Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku, Misraħ Ġużè Abela, Misraħ Frenċ Abela u Triq Ċensa Spiteri;

Nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu, 2024, mit-8.30 p.m. sal-11.00 p.m., vetturi tat-trasport pubbliku mhux se jkunu jistgħu jgħaddu minn Misraħ Suffara, Triq San Pawl tal-Pitkali, Triq Ġann Mari Abela, Triq Claudette Agius, Triq Ġużè Ellul Mercer u Triq il-Kbira;

Nhar is-Sibt, 17 ta' Awwissu, 2024, mill-10.00 a.m. 'il quddiem, vetturi tat-trasport pubbliku mhux se jkunu jistgħu jgħaddu minn Triq il-Maddalena u mill-5.00p.m. 'il quddiem

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħal Għargħur

On Tuesday, 20th August, 2024, from 4.00 p.m. till midnight, through Triq Caravaggio.

Ħad-Dingli

On Friday, 2nd August, 2024, from 2.00 p.m. onwards, no parking is allowed through Triq Claudette Agius;

On Friday, 2nd August, 2024, from 3.00 p.m. till 9.00 p.m., public transport vehicles will not be able to pass through Triq Claudette Agius and Triq il-Merill;

On Saturday, 3rd August, 2024, from 2.00 p.m. onwards, no parking is allowed through Misraħ Ġużè Abela;

On Sunday, 11th August, 2024, from 6.00 a.m. till 2.00 p.m., no parking through Misraħ Ġużè Abela, Triq il-Parroċċa and Triq Santu Rokku;

On Monday, 12th August, 2024, no parking in the open space Dylan Zahra (from 8.00 a.m. onwards) and Triq Ġużè Ellul Mercer (from 2.00 p.m. onwards);

On Tuesday, 13th August, 2024, from 2.00 p.m. onwards, no parking in Triq il-Parroċċa;

On Thursday, 15th August, 2024, from 9.00 a.m. till 11.30 a.m., no parking in Triq il-Parroċċa and Misraħ Ġużè Abela;

On Friday, 16th August, 2024, from 4.00 p.m. onwards no parking in Triq il-Parroċċa and Misraħ Ġużè Abela. Road closure from 5.00 p.m. onwards through Misraħ Ġużè Abela. Road closure from 8.00 p.m. onwards in Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku, Misraħ Ġużè Abela, Misraħ Frenċ Abela and Triq Ċensa Spiteri;

On Friday, 16th August, 2024, from 8.30 p.m. till 11.00 p.m. public transport vehicles will not be able to pass through Misraħ Suffara, Triq San Pawl tal-Pitkali, Triq Ġann Mari Abela, Triq Claudette Agius, Triq Ġużè Ellul Mercer and Triq il-Kbira;

On Saturday, 17th August, 2024, from 10.00 a.m. onwards, public transport vehicles will not be able to pass through Triq il-Maddalena and from 5.00p.m. onwards

minn Triq it-Turretta. Mit-8.30 p.m. sal-11.00 p.m. vetturi tat-trasport pubbliku mhux se jkunu jistgħu jgħaddu minn Triq l-Irdum u Triq il-Kbira;

Nhar is-Sibt, 17 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 a.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Maddalena. Mill-4.00 p.m. 'il quddiem ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela u Triq San Rokku. Mit-8.00 p.m. 'il quddiem ħadd ma jista' jipparkja fi Trejqet il-Ħarrub u Triq it-Turretta. Mis-6.00 p.m. 'il quddiem għeluq ta' toroq fi Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku, Misraħ Ġużè Abela, Misraħ Frenċ Abela u Triq Ċensa Spiteri;

Nhar is-Sibt, 17 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m., sal-11.00 p.m. tal-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, minn Triq Ċensa Spiteri;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, mill-11.00 a.m. 'il quddiem, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Parroċċa u Misraħ Ġużè Abela. Mit-3.00 p.m. 'il quddiem ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Parroċċa, Triq Misraħ Ġużè Abela, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira, Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq Ġużè Ellul Mercer, Misraħ il-Mafkar u Triq Pawlu Ebejer. Mis-6.00 p.m. 'il quddiem għeluq ta' toroq fi Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku, Misraħ Ġużè Abela, Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri u Triq il-Kbira;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, vetturi tat-trasport pubbliku mhux se jgħaddi mir-rotta tas-soltu u għalhekk mhux se jgħaddi mill-qalba tal-lokal.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Awwissu, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 184

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Ħamrun

Nhar il-Ħadd, 4 ta' Awwissu, 2024, mill-11.45 a.m. san-12.30 p.m. minn Triq il-Kbira San Ġużepp quddiem il-każin - m'hemmx bżonn clearance.

through Triq it-Turretta. From 8.30 p.m. till 11.00 p.m. public transport vehicles will not be able to pass through Triq l-Irdum and Triq il-Kbira;

On Saturday, 17th August, 2024, from 7.00 a.m. onwards, no parking in Triq il-Maddalena. From 4.00 p.m. onwards no parking in Triq il-Parroċċa, Misraħ Ġużè Abela and Triq San Rokku. From 8.00 p.m. onwards no parking in Trejqet il-Ħarrub and Triq it-Turretta. From 6.00 p.m. onwards road closure in Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku, Misraħ Ġużè Abela, Misraħ Frenċ Abela and Triq Ċensa Spiteri;

On Saturday, 17th August, 2024, from 6.00 a.m., till 11.00 p.m. of Sunday, 18th August, 2024, through Triq Ċensa Spiteri;

On Sunday, 18th August, 2024, from 11.00 a.m. onwards, no parking in Triq il-Parroċċa and Misraħ Ġużè Abela. From 3.00 p.m. onwards no parking in Triq il-Parroċċa, Triq Misraħ Ġużè Abela, Triq Santu Rokku, Triq il-Kbira, Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri, Triq Ġużè Ellul Mercer, Misraħ il-Mafkar and Triq Pawlu Ebejer. From 6.00 p.m. onwards road closure in Triq il-Parroċċa, Triq Santu Rokku, Misraħ Ġużè Abela, Misraħ Frenċ Abela, Triq Ċensa Spiteri and Triq il-Kbira;

On Sunday, 18th August, 2024, public transport vehicles will not pass from the usual route and hence will not be able to pass through the locality's centre.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

2nd August, 2024

POLICE NOTICE

No. 184

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħamrun

On Sunday, 4th August, 2024, from 11.45 a.m. till 12.30 p.m., through Triq il-Kbira San Ġużepp in front of the band club - no clearance needed.

Għeluq u clearance ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Lija

Nhar it-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2024 mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m. minn Triq Preziosi u Sqaq Nru. 2.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Mill-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2024 mill-5.00 a.m. sat-Tnejn, l-12 ta' Awwissu, 2024 sas-1.00 p.m. minn Pjazza Kastilja kollha, u d-dawra mal-iStock Exchange

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

L-Imqabba

Mill-5.00 p.m. tas-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, san-00.30 a.m. tat-Tnejn, 11 ta' Awwissu, 2024, minn Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Knisja, Triq San Bażilju u Triq il-Karmnu;

Mis-6.00 a.m. tal-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, san-00.30 a.m. tal-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mill-pjazza, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri u s-service road minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sa Triq l-Imterqa u Triq il-Qattara.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, fis-6.00 a.m., sa nofsillejl tal-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024 (aċċess biss għar-residenti) minn Triq Santa Marija, min-naħa tal-Pjazza Santu Rokku sa Pjazza Santa Marija;

Mill-Ħamis, 8 ta' Awwissu, 2024, fit-8.00 a.m., sas-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, fl-10.00 p.m., minn Triq Gio Marija Farrugia;

Mill-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mid-9.00 p.m., sas-Sibt, 17 ta' Awwissu, 2024, f'nofsinhar, minn Triq il-Belt Valletta;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m., sat-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2024, fl-11.00 p.m., minn Triq il-Belt Valletta from the side of Pjazza Santu Rokku, from near Triq il-Gistakor u 'l isfel għan-naħa Tal-Barrani u Triq il-Belt Valletta min-naħa taċ-ċimiterju ta' Ħal Għaxaq;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, u nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, aċċess biss għar-residenti minn Triq Santa Marija min-naħa tal-Pjazza Santu Rokku sa Pjazza Santa Marija;

Closure and clearance of streets and public transport will be affected.

Ħal Lija

On Monday, 5th August, 2024 from 8.00 a.m. till 11.59 p.m. through Triq Preziosi and Sqaq Nru. 2.

Public transport will not be affected.

Valletta

From Thursday, 8th August, 2024 from 5.00 a.m. till Monday, 12th August, 2024 till 1.00 p.m. through all of Pjazza Kastilja, and the Stock Exchange area.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Closure of streets will be done as required.

Mqabba

From 5.00 p.m. on Saturday, 10th August, 2024, till 00.30 a.m. on Monday, 11th August, 2024, through Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Knisja, Triq San Bażilju and Triq il-Karmnu;

From 6.00 a.m. on Wednesday, 14th August, 2024, till 00.30 a.m. of Thursday, 15th August, 2024, through the main square, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri and its service road from Triq il-Konvoj ta' Santa Marija till Triq l-Imterqa and Triq il-Qattara.

Ħal Għaxaq

On Friday, 9th August, 2024, at 6.00 a.m., till midnight on Thursday, 15th August, 2024 (access only to residents) through Triq Santa Marija, from the side of Pjazza Santu Rokku till Pjazza Santa Marija;

From Thursday, 8th August, 2024, at 8.00 a.m., till Saturday, 10th August, 2024, at 10.00 p.m., through Triq Gio Marija Farrugia;

From Friday, 9th August, 2024, from 9.00 p.m., till Saturday, 17th August, 2024, at noon, through Triq il-Belt Valletta;

On Friday, 9th August, 2024, from 6.00 a.m., till Monday, 19th August, 2024, at 11.00 p.m., through Triq il-Belt Valletta from the side of Pjazza Santu Rokku, from near Triq il-Gistakor and downwards to the Tal-Barrani side and Triq il-Belt Valletta from the Ħal Għaxaq cemetry side;

On Friday, 9th August, 2024, and on Thursday, 15th August, 2024, access only to residents through Triq Santa Marija from the side of Pjazza Santu Rokku till Pjazza Santa Marija;

Nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Awwissu, 2024, mis-6.30 p.m. sas-1.00 a.m., minn Triq it-Terħa, Triq Birżebbuġa, Triq Ġan Marie Dalli, Triq Santa Marija, Triq il-Knisja, Pjazza San Ġorġ, Triq San Filippu, Pjazza Santa Marija u Triq Gio Marija Farrugia;

Nhar is-Sibt, 10 ta' Awwissu, 2024, mis-6.30 p.m. san-00.30 a.m., minn Triq il-Gudja, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Ġistakor, Triq il-Ġarakor, Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq Gio Marie Farrugia, Triq il-Barbazzal, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja, Triq San Pawl, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija u Pjazza Santa Marija;

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 p.m. sas-1.30 a.m., minn Pjazza Santa Marija;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. san-00.30 a.m., minn Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour u Triq Gio Marie Farrugia;

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mis-6.30 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq V. Scicluna Hernandez, Triq Tal-Qattus, Triq il-Ħannieqa, Triq id-Dejl, Triq il-Ħareb, Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija u Pjazza Santa Marija;

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. sas-2.00 a.m., minn Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour u Triq Gio Marie Farrugia;

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mis-6.30 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Miksur, Triq il-Bwar, Triq Giovanni Scicluna,Triq il-Ħannieqa, Triq ir-Rebbieġħa, Triq id-Dejl, Dawret Ħal Għaxaq, Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija, Triq il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Triq Santu Rokku u Pjazza Santa Marija;

Nhar l-Erbgħa, 14 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. sas-2.30 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq San Pawl, Pjazza San Filippu, Triq San Filippu, Triq Santu Rokku u Triq il-Belt Valletta;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. sas-1.30 a.m., minn Triq Santa Marija, Triq il-Knisja, Triq Mariano Gerada, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija, Pjazza Santa Marija, Triq San Ġorġ Preca, Triq Dun M. Sciriha u Pjazza San Filippu;

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 p.m. sa nofsillejl minn Dawret Ħal Għaxaq, Triq Santa Marija u Pjazza Santa Marija.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Birkirkara

Mill-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, fit-3.00 p.m., sal-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, fil-11.59 p.m., minn Triq il-Wied;

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 a.m. sal-4.00 p.m., minn Triq Anġlu Mallia u Triq in-Naxxar.

On Friday, 9th August, 2024, from 6.30 p.m. till 1.00 a.m., through Triq it-Terħa, Triq Birżebbuġa, Triq Ġan Marie Dalli, Triq Santa Marija, Triq il-Knisja, Pjazza San Ġorġ, Triq San Filippu, Pjazza Santa Marija and Triq Gio Marija Farrugia;

On Saturday, 10th August, 2024, from 6.30 p.m. till 00.30 a.m., through Triq il-Gudja, Triq il-Belt Valletta, Triq il-Ġistakor, Triq il-Ġarakor, Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour, Triq Gio Marie Farrugia, Triq il-Barbazzal, Triq San Ġużepp, Triq il-Knisja, Triq San Pawl, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija and Pjazza Santa Marija;

On Sunday, 11th August, 2024, from 7.00 p.m. till 1.30 a.m., through Pjazza Santa Marija;

On Monday, 12th August, 2024, from 6.00 a.m. till 00.30 a.m., through Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour and Triq Gio Marie Farrugia;

On Monday, 12th August, 2024, from 6.30 p.m. till 2.00 a.m., through Triq V. Scicluna Hernandez, Triq Tal-Qattus, Triq il-Ħannieqa, Triq id-Dejl, Triq il-Ħareb, Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija and Pjazza Santa Marija;

On Tuesday, 13th August, 2024, from 6.00 a.m. till 2.00 a.m., through Pjazza Santa Marija, Vjal il-Labour and Triq Gio Marie Farrugia;

On Tuesday, 13th August, 2024, from 6.30 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Miksur, Triq il-Bwar, Triq Giovanni Scicluna,Triq il-Ħannieqa, Triq ir-Rebbieġħa, Triq id-Dejl, Dawret Ħal Għaxaq, Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija, Triq il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Triq Santu Rokku and Pjazza Santa Marija;

On Wednesday, 14th August, 2024, from 6.00 a.m. till 2.30 a.m., through Triq Santa Marija, Triq San Pawl, Pjazza San Filippu, Triq San Filippu, Triq Santu Rokku and Triq il-Belt Valletta;

On Thursday, 15th August, 2024, from 6.00 a.m. till 1.30 a.m., through Triq Santa Marija, Triq il-Knisja, Triq Mariano Gerada, Triq San Pawl, Triq San Filippu, Pjazza Santu Rokku, Triq Santa Marija, Pjazza Santa Marija, Triq San Ġorġ Preca, Triq Dun M. Sciriha and Pjazza San Filippu;

On Thursday, 15th August, 2024, from 7.00 p.m. till midnight, through Dawret Ħal Għaxaq, Triq Santa Marija and Pjazza Santa Marija;

Public transport will also be affected.

Birkirkara

From Thursday, 15th August, 2024, at 3.00 p.m., till Sunday, 18th August, 2024, at 11.59 p.m., through Triq il-Wied;

On Sunday, 18th August, 2024, from 6.00 a.m. till 4.00 p.m., through Triq Anġlu Mallia and Triq in-Naxxar.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Il-Gudja

Nhar is-Sibt, 3 ta' Awwissu, 2024 mis-6.00 a.m. sal-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu, 2024 fil-11.00 p.m. minn Triq il-Kbira.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Awwissu, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 185

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Nhar il-Ħadd, 11 ta' Awwissu, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m., minn nofsinhar sa 12.10 p.m., u mid-8.45 p.m. sad-9.05 p.m. minn Triq Tumas Chetcuti (Central Link);

Nhar it-Tnejn, 12 ta' Awwissu, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m., minn nofsinhar sa 12.10 p.m., u mid-8.45 p.m. sad-9.05 p.m. minn Triq Tumas Chetcuti (Central Link);

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m., minn nofsinhar sa 12.10 p.m., u mill-9.45 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Tumas Chetcuti (Central Link);

Nhar il-Ħamis, 15 ta' Awwissu, 2024, mit-8.00 a.m. sat-8.10 a.m., minn 11.45 a.m. sa 12.05 p.m., mis-7.00 p.m. sat-8.30 p.m., u mid-9.30 p.m. sal-10.30 p.m. minn Triq Tumas Chetcuti (Central Link).

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 94 tal-2024

B'Żieda ma Avviżi Lokali lill-Baħħara Nri 33 u 46 tal-2024 rigward Żoni Ristretti Deżinjati – 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara, sidien ta' bastimenti u lill-pubbliku

Public transport will also be affected.

Gudja

On Saturday, 3rd August, 2024 at 6.00 a.m. till Friday, 16th August, 2024 at 11.00 p.m. through Triq il-Kbira.

Public transport will be affected

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

2nd August, 2024

POLICE NOTICE

No. 185

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website and email address of the receiving Division are (https://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt)

2nd August, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Consultant Rehabilitaton Medicine in the Department of Rehabilitation Medicine at the Rehabilitation Hospital Karin Grech in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the post

għall-post ta' Konsulent Mediċina ta' Riabilitazzjoni fid-Dipartiment tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni, fl-Isptar ta' Riabilitazzjoni Karen Grech, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Konsultent huwa ta' Skala ta' Salarju 4, li fis-sena 2024 huwa €40,145.00 fis-sena.

2.3 Persuna fil-ħatra ta' Konsulent tirrapporta direttament liċ-Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni.

2.4 Persuna li tiġi maħtura tkun tista' tagħżel li taħdem fuq bażi ta' Kuntratt A jew Kuntratt B.

2.5 Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

2.6 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din issejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra

2.7 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Il-kandidat/i magħżul/a jkun/u meħtieġ/a jimla/jimlew id-Dikjarazzjoni disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20

of Consultant Rehabilitation Medicine at the Department of Rehabilitation Medicine at the Rehabilitation Hospital Karin Grech in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of one (1) year.

2.2 The salary for the post of Consultant is Salary Scale 4, which in the year 2024 is equivalent to, €40,145.00 per annum.

2.3 The Consultant shall report to the Clinical Chairperson, Department of Rehabilitation Medicine.

2.4 The appointee will be able to choose to work on a Contract A or B basis.

2.5 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

2.6 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.7 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

The selected candidate/s will be required to fill in the Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.

the%20Public%20Sector.pdf)), peress li din il-kariga/pożizzjoni (i) hija fi skala ta' salaraju 5 jew ogħla.

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Konsulent Mediċina ta' Riabilitazzjoni jinkludu li:

i. Jipparteċipa fil-ħidma u jkun parti mid-Dipartiment tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni u jirrispondi direttament liċ-Chairperson Kliniku (Mediċina), lill-Amministrazzjoni tas-Servizzi ta' Riabilitazzjoni ta' dan id-Dipartiment u lit-Tmexxija Klinika li taħtha taqa' l-ispeċjalità;

ii. Jipprovdi l-kura klinika kollha fi ħdan l-ispeċjalità tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni skont l-istandards ta' kwalità tal-professjoni;

iii. Jieħu sehem fl-attivitajiet tad-Dipartiment, jipparteċipa fi programmi ta' tagħlim u riċerka tiegħu, jattendi regolarment għal laqgħat kliniċi u jieħu sehem fil-proċess ta' assigurazzjoni ta' kwalità u verifika;

iv. Jipprovdi servizzi speċjalizzati b'minimu ta' sessjoni waħda fil-ġimgħa fi sptarijiet oħra u/jew ċentri tas-saħħa skont programmi approvati jekk ikun meħtieġ, u jista' wkoll ikun meħtieġ li jipprovdi servizz f'xi estensjoni futura ta' servizzi tas-saħħa hekk kif provdut fi skema komprensiva tas-Saħħa Nazzjonali;

v. Iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi kurrenti fil-qasam tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni f'laqgħat ta' wara l-gradwazzjoni kemm lokalment u kif ukoll barra minn Malta u jkun meħtieġ li jinvolvi ruħu fit-tagħlim kontinwu ta' kollegi kliniċi fil-livelli kollha fir-rigward tal-użu xieraq tal-faċilitajiet rilevanti;

vi. Jipparteċipa fil-ħidma tad-Dipartiment inkluż servizz ta' on-call hekk kif inkarigat miċ-Chairperson Kliniku (Mediċina), mill-Amministrazzjoni tas-Servizzi ta' Riabilitazzjoni ta' dan id-Dipartiment u mit-Tmexxija Klinika li taħtha taqa' l-ispeċjalità;

vii. Jikkollega ma' u jagħti pariri lill-membri l-oħra tal-ħaddiema mediċi, kirurġiċi u tal-allied health dwar materji li jappartjenu għall-ispeċjalitajiet imsemmija hawn fuq u għal dan il-għan, ikun mistenni li jaħdem mill-qrib mal-isptar, mal-kommunità, kumitati u korpi bbażati fuq is-Saħħa Pubblika b'responsabbiltajiet għall-Mediċina ta' Riabilitazzjoni u kollegazzjoni ma' konsulenti barranin li jżuru d-Dipartiment skont il-ħtieġa:

viii. jaċċetta r-responsabbiltà u jipparteċipa f'attivitajiet li joħorġu mis-sħubija jew l-affiljazzjoni ma' networks tal-UE u Internazzjonali tal-Ministeru għas-Saħħa u Anzjanita' Attiva u l-Isptar ta' Rijabilitazzjoni Karin Grech

pdf)), since this post/position (i) is in salary scales 5 or higher.

Duties

3.1 The job duties for the post of Consultant Rehabilitation Medicine include:

i. Participates in all work and forms part of the Department of Rehabilitation Medicine and will be directly responsible to the Clinical Chairperson (Medicine,), the Management of the Rehabilitation Services as well as the Clinical Leadership under which the speciality falls;

ii. Provides all clinical care within the remit of the speciality of Rehabilitation Medicine in accordance with quality standards of the profession;

iii. Takes part in the activities of the Department, participates in its teaching and research programmes, attends regularly at clinical meetings and partakes in the process of quality assurance and audit;

iv. Provides specialised services with a minimum of one weekly session in other hospitals and/or health centres in accordance with approved programmes if required, and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme;

v. Keeps abreast with the current developments in the field of Rehabilitation Medicine and participates in postgraduate meetings locally and abroad and will be required to involve him/herself in the on-going education of clinical colleagues at all levels with regards to the appropriate use of relevant facilities;

vi. Participates in the work of the Department including on call cover as assigned by the Clinical Chairperson (Medicine), the Management of the Rehabilitation Services as well as the Clinical Leadership under which the speciality falls;

vii. Liaises with and advises other members of the medical, surgical and allied health on matters pertaining to the above mentioned specialties and to this effect, he/she will be expected to work closely with hospital, Community and Public Health based committees and bodies with responsibilities of Rehabilitation Medicine as well as liasing with visiting consultants as necessary;

viii. accepts responsibility and participates in activities arising from the membership or affiliation with EU and International networks of the Ministry for Health and Active Ageing and the Rehabiliation Hospital Karin Grech such

bħanNetwerks Ewropej ta' Referenza kif applikabbli għall-Mediċina ta' Rijabilitazzjoni u jinvolvi ruħu b'mod attiv fl-akkwist ta'oġġetti meħtieġa għall-prattika tiegħu inkluż tfassil ta' speċifikazzjonijiet u jiun parti mill-proċessi ta' aġġudikazzjoni u jipparteċipa fi proġetti li għaddejjin

ix. jwettaq kull xogħol ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif ikun meħtieġ;

x. jwettaq kull dmir ieħor kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

3.2 Persuna appuntata tista' tkun rikjesta twettaq dmirijiet fi kwalunkwe servizz għall-kura tas-saħħa f'Malta u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex skont id-diskrezzjoni tal-amministrazzjoni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim

as the European Reference Networks as applicable to the specialty and actively involves himself in the procurement of items required for his/her practice including the writing up of specifications and being part of the adjudication process and participates in any ongoing projects;

ix. undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

x. undertakes any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

3.2 An appointee may be required to perform duties in any of the health care services in Malta and Gozo General Hospital at the discretion of the management.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the

dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom wkoll:

i. ikollhom isimihom imniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

ii. ikunu approvati li isimhom jitniżżel fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti tal-Mediċina ta' Riabilitazzjoni miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta; jew

iii. a. ikollhom Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat (CCST) maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta għall-professjoni rilevanti, li juri li l-applikant lesta tali taħriġ speċjalizzat li jista' jintalab għall-Mediċina ta' Riabilitazzjoni; jew

b. ikollhom kwalifika ta' speċjalist ekwivalenti għas-CCST fil-Mediċina ta' Riabilitazzjoni, li tkun maħruġa mill-Awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea, kif indikat f'parti 1b tat-Tieni Skeda tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa ta' Malta; jew

c. ikollhom kwalunkwe kwalifika oħra ta' speċjalist dment li ma' din tinhemeż dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta, li tiddikjara li l-kwalifiki/esperjenza huma suffiċjenti sabiex tabib ikun irreġistrat mal-Kunsill Mediku ta' Malta bħala Speċjalist fil-Mediċina ta' Riabilitazzjoni.

Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. proficient in the Maltese and English languages.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 By the closing time and date of this call for applications, applicants must furthermore be:

i. listed in the Specialist Register of Rehabilitation Medicine kept by the Medical Council of Malta; or

ii. approved for inclusion in the Specialist Register of Rehabilitation Medicine kept by the Medical Council of Malta; or

iii. a. in possession of a certificate of completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta for the relevant profession, which shows that the applicant has completed such specialist training as may be prescribed for Rehabilitation Medicine; or

b. in possession of a specialist qualification equivalent to the CCST for Rehabilitation Medicine, which is issued by the competent authority in another EU member state, as listed in Part 1b of the Second Schedule of the Health Care Professions Act of Malta; or

c. in possession of any other specialist qualification provided that this must be accompanied by a formal recognition statement by the Specialist Accreditation Committee of Malta, stating that the qualifications/experience are sufficient for a doctor to be registered with the Medical Council of Malta as a specialist in Rehabilition Medicine.

4.3 Persuna magħżula li tkun eliġibbli taħt paragrafu 4.2 (iii) (b) u paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq trid tkun imniżżla fir-Reġistru għall-Ispeċjalisti miżmum mill-Kunsill Mediku ta' Malta u trid tkun ukoll irreġistrata bis-sħiħ mal-Kunsill Mediku ta' Malta qabel il-ħatra.

4.3 The successful candidate eligible under paragraph 4.2 (iii) (b) and paragraph 4.2 (iii) (c) above must be listed in the Specialist Register kept by the Medical Council of Malta and must also be fully registered with the Medical Council of Malta before appointment.

4.4 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c) hawn fuq iridu jiksbu ittra ta' rikonoxximent mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta li tikkonferma li l-kwalifiki tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għaċ-Ċertifikat ta' Tlestija ta' Taħriġ Speċjalizzat maħruġ mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta. F'każ ta' diffikultà għandu jintalab il-parir tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta.

4.4 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) above must obtain a recognition statement from the Specialist Accreditation Committee of Malta confirming that their qualifications may be considered as an equivalent to the certificate of completion of Specialist Training (CCST) issued by the Specialist Accreditation Committee of Malta. In case of any difficulty, the advice of the Specialist Accreditation Committee of Malta is to be sought.

Sabiex tiġi ffaċilitata r-referenza, is-sit elettroniku tal-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalisti ta' Malta jista' jiġi kkonsultat minn (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx)

For ease of reference, the website of the Specialist Accreditation Committee of Malta may be consulted at (https://healthservices.gov.mt/en/regcounc/msac/Pages/msac.aspx)

4.5 Kandidati li japplikaw skont it-termini ta' paragrafu 4.2 (iii) (b) jew paragrafu 4.2 (iii) (c), u li jkunu meħtieġa jippreżentaw dikjarazzjoni mill-Kumitat għall-Akkreditazzjoni ta' Speċjalist kif mitlub fil-paragrafu 4.5 għandhom jinkludu kopja ta' din id-dikjarazzjoni mal-applikazzjoni u jippreżentaw l-oriġinali waqt l-intervista. Kandidati li mhumiex fil-pussess ta' din id-dikjarazzjoni xorta jistgħu japplikaw, basta jissottomettu kopja ta' din id-dikjarazzjoni hekk kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u fi kwalunkwe ċirkustanza mhux aktar tard mid-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jippreżentawx id-dikjarazzjoni meħtieġa fi żmien xahar għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tagħhom jistgħu jitolbu estenjoni ta' dan il-limitu ta' żmien b'xahar ieħor mill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet lil hinn minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

4.5 Candidates applying in terms of paragraph 4.2 (iii) (b) or paragraph 4.2 (iii) (c) and who are required to present a statement by the Specialist Accreditation Committee as specified in paragraph 4.5 should include a copy of that statement with their application and present the original at the interview. Candidates not in possession of the required statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement as soon as it is available and in any case, by not later than the closing date of this call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for an extension beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

4.6 Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta' deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

4.6 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue of a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of service stipulated in the calls for applications.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.7 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali li jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.7, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **s-**1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 19 ta' Awwissu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

4.7 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.7 have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Monday, 19th August, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku tal-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva huwa (https://health.gov.mt), in-numru tal-fax huwa +356 2299 2604, u l-indirizz elettroniku huwa (recruitment.health@gov.mt).

It-2 ta' Awwissu, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Post ta' Environmental Health Officer fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address of the Ministry for Health and Active Ageing is (https://health.gov.mt), the fax number is +356 2299 2604, and the email address is (recruitment.health@gov.mt).

2nd August, 2024

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Post of Environmental Health Officer in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the

għall-post ta' Environmental Health Officer biex iwettaq dmirijiet fis-Saħħa, fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.2 Is-salarju ta' Environmental Health Officer bid-Degree f'Livell 6 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) huwa ta' Skala ta' Salarju 10, li fis-sena 2024 huwa ta' €24,085.98 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €26,532.00.

Persuna fil-grad ta' Environmental Health Officer li minbarra r-rekwiżit stipulat f'paragrafu 2.2, għandhom ukoll fill-pussess tagħhom Master's Degree f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) jew PhD f'Livell 8 tal-MQF rilevanti u rikonoxxuti, jinħatru mad-dħul bħala Senior Environmental Health Officer fi Skala ta' Salarju 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100.00).

2.3 Persuna fil-grad ta' Environmental Health Officer titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€25,589.02 x €447.33 - €28,273.00) wara sentejn (2) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Persuna fil-grad ta' Environmental Health Officer tiġi promossa għall-grad ta' Senior Environmental Health Officer fi Skala ta' Salarju 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100.00) wara tliet (3) snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Environmental Health Officer fi Skala ta' Salarju 9.

Persuna fil-ħatra ta' Environmental Health Officer li fil-kors tad-dmirijiet tagħha tikseb Postgraduate Master's f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) jew PhD f'Livell 8 tal-MQF rilevanti u rikonoxxuti, għandha titla' minnufih għal Skala ta' Salarju 8 bħala Senior Environmental Health Officer.

2.5 Persuna fil-ħatra ta' Senior Environmental Health Officer (Skala ta' Salarju 8) b'mill-inqas ħames (5) snin servizz sodisfaċenti fil-grad ta' Senior Environmental Health Officer fi Skala ta' Salarju 8 u ċertifikat ta' tlestija b'suċċess tal-Competency Programme u Evaluation Framework (CAF) tiġi promossa għall-grad ta' Environmental Health Practitioner fi Skala ta' Salarju 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00) kemm mid-data tal-otteniment tas-snin tas-servizz stipulat kif ukoll it-tlestija b'suċċess tal-CAF.

Persuna fil-ħatra ta' Senior Environmental Health Officer (Skala ta' Salarju 8) fil-pussess ta' Postgraduate Master's f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS/

post of Environmental Health Officer to perform duties at Health in the Ministry for Health and Active Ageing.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of One (1) year.

2.2 The salary for the post of Environmental Health Officer with Degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits or equivalent) is Salary Scale 10, which in the year 2024 is equivalent to €24,085.98 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €26,532.00.

An Environmental Health Officer who in addition to the requirement stipulated in paragraph 2.2, are also in possession of a relevant and recognised Postgraduate Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent*) or PhD at MQF Level 8, shall on entry be immediately appointed as Senior Environmental Health Officer in Salary Scale 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100).

2.3 An Environmental Health Officer will progress to Salary Scale 9 (€25,589.02 x €447.33 - €28,273.00) on completion of two (2) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

2.4 An Environmental Health Officer will be promoted to the grade of Senior Environmental Health Officer in Salary Scale 8 (€27,179.02 x €486.83 - €30,100.00) on completion of three (3) years satisfactory service in the grade of Environmental Health Officer in Salary Scale 9.

An Environmental Health Officer who in the course of his/her duties obtains a relevant and recognised Postgraduate Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits or equivalent*) or PhD at MQF Level 8 shall immediately progress to Salary Scale 8 as Senior Environmental Health Officer.

2.5 A Senior Environmental Health Officer (Salary Scale 8), with at least five (5) years satisfactory service as Senior Environmental Health Officer in Salary Scale 8 and certificate of successful completion of the Competency Programme and Evaluation Framework (CAF), shall be promoted to the grade of Environmental Health Practitioner in Salary Scale 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00) as from the date of satisfaction of both the stipulated years of service and the successful certification of the CAF.

A Senior Environmental Health Officer (Salary Scale 8), in possession of a recognised and relevant Postgraduate Master's Degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of

ECVET jew ekwivalenti*) jew PhD f'Livell 8 tal-MQF rilevanti u rikonoxxuti, b'mill-inqas sentejn (2) servizz sodisfaċenti bħala Senior Environmental Health Officer u ċertifikat ta' tlestija b'suċċess tal-Competency Programme u Evaluation Framework (CAF), għandhom jiġu promossi fil-grad ta' Environmental Health Practitioner fi Skala ta' Salarju 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043.00).

Fil-każ ta' uffiċjali li ma jkollhomx iċ-ċertifikat ta' tlestija b'suċċess tal-Competency Programme u Evaluation Framework mat-tlestija ta' sentejn (2) servizz sodisfaċenti fil-grad, għandu jiġi promoss għal Environmental Health Practitioner bil-kundizzjoni li tikseb din iċ-ċertifikazzjoni fi żmien sena (1) mill-ħatra ta' Environmental Health Practitioner fi Skala ta' Salarju 7.

Uffiċjali li jonqsu milli jippreżentaw tali ċertifikazzjoni fil-qafas ta' żmien stipulat għandhom jerġgħu lura awtomatikament għal Senior Environmental Health Officer fi Skala ta' Salarju 8.

*Kwalifika tal-Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mingħand MFHEA sottomessa mal-applikazzjoni.

2.6 Persuna maħtura tkun intitolata għal benefiċċji oħra tali, u suġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi oħra tali li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

2.7 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post/pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu storja ta' impjieg mill-Jobsplus mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

90 ECTS/ECVET credits or equivalent*) or PhD at MQF Level 8 with at least two (2) years satisfactory service as Senior Environmental Health Officer and certificate of successful completion of the Comptency Programme and Evaluation Framework (CAF), shall be promoted to the grade of Environmental Health Practitioner in Salary Scale 7 (€28,855.98 x €531.17 - €32,043).

In the case of officers who are not in possession of the certificate of successful completion of the Competency Programme and Evaluation Framework on the completion of two (2) years satisfactory service in the grade, shall be promoted to Environmental Health Practitioner on condition that s/he obtains this certification within one (1) year from appointment of Environmental Health Practitioner in Salary Scale 7.

Officers who fail to present such certification within the stipulated timeframe shall automatically revert to Senior Environmental Health Officer in Salary Scale 8.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MFHEA formal Master's recognition statement being submitted with the application.

2.6 An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

2.7 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.8 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a Jobsplus employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunke kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-Dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Dmirijiet

3.1 Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Allied Health Professional (Medical Laboratory Science) jinkludu li:

i. Iwettaq, kull meta hu/hi jkun hekk ordnat, dawk id-dmirijiet kollha li jikkonċernaw is-saħħa ambjentali, is-sigurtà tal-ikel jew kwistjonijiet sanitarji li jistgħu jiġu assenjati lilu/lilha;

ii. Iwettaq kontrolli biex jinvestiga kwalunkwe inkonvenjent, ilmenti, dwejjaq relatat mas-saħħa jew ksur simili tal-liġi, li jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa tal-pubbliku u mbagħad jieħu tali azzjoni ta' rimedju biex ineħħi inkonvenjent jew periklu għas-saħħa;

iii. Jipparteċipa fi programmi ta' monitoraġġ organizzati mid-Direttorat jew kif jista' jingħata struzzjonijiet mis-superjuri tiegħu u jirrapporta lil xi gradi ogħla tiegħu/tagħha;

iv. Iwettaq kwalunkwe kontrolli uffiċjali relatati mas-sigurtà tal-ikel, l-iġjene tal-ikel, l-informazzjoni dwar l-ikel, verifiki interni jew attività oħra relatata mal-ikel taħt id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali;

v. Iwettaq kwalunkwe kontroll uffiċjali relatat mas-saħħa ambjentali inkluż iżda mhux limitat għal kontroll tal-leġjonella, ilma għall-għawm, kontroll tat-tabakk, kliniki tat-tatwaġġi, titqib tal-ġisem, jew attività oħra relatata taħt id-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali;

vi. Iwettaq sanzjonijiet u jieħu azzjoni legali/multi amministrattivi meta u fejn meħtieġ u jattendi s-seduti tal-qorti/tribunal skont il-liġijiet u r-regolamenti eżistenti;

vii. Twettaq u ssegwi investigazzjonijiet ta' notifiki ta' mard infettiv u tieħu azzjoni ta' rimedju meta jew fejn meħtieġ. Dan jista' jinvolvi parteċipazzjoni sħiħa f'investigazzjonijiet ta' każijiet jew tifqigħat ta' avvelenament mill-ikel u mard li jinġarr mill-ilma;

viii. Twettaq sorveljanza tal-passiġġieri li jkunu ġejjin minn żoni infettati kif jista' jkun meħtieġ;

ix. Jissorvelja d-diżinfestazzjoni jew id-diżinfezzjoni kull fejn dawn ikunu meħtieġa;

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)).

Duties

3.1 The job duties for the post of Environmental Health Officer include:

i. Carries out, whenever he/she shall be so directed, all such duties concerning environmental health, food safety or sanitary matters as may be assigned to him/her;

ii. Performs controls to investigate any nuisance, complaints, health related annoyance or similar breach of the law, which might be injurious to the public's health and then takes such remedial action to remove a nuisance or health hazard;

iii. Participates in monitoring programmes organised by the Directorate or as may be instructed by his superiors and reports to any of his/her higher grades;

iv. Perform any official controls related to food safety, food hygiene, food information, internal audits or other food related activity under the Environmental Health Directorate;

v. Perform any official controls related to environmental health including but not limited to legionella control, bathing water, tobacco control, tattoo clinics, body piercing, or other related activity under the Environmental Health Directorate;

vi. Perform sanctions and takes legal action/administrative fines when and where required and attends court/tribunal sittings in accordance with existing laws and regulations;

vii. Carries out and follows up investigations of infectious disease notifications and takes remedial action when or where necessary. This may involve full participation in investigations of cases or outbreaks of food poisoning and water borne diseases;

viii. Carries out surveillance of passengers coming from infected areas as may be required;

ix. Supervises disinfestation or disinfection wherever these are required;

x. Jissorvelja l-qerda ta' oġġetti tal-ikel u materjal ta' kuntatt mal-ikel li ma jikkonfermax bir-regolament;

xi. Ħruġ ta' permessi, awtorizzazzjonijiet, approvazzjoni ta' jew liċenzji skont il-każ jew isiru reġistrazzjonijiet, jekk meħtieġ;

The Local Council reserves the right to refuse any quotation, even the most advantageous.

2nd August, 2024

KUNSILL LOKALI L-IMQABBA

Il-Kunsill Lokali l-Imqabba jgħarraf illi:

Il-kwotazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali Mqabba permezz ta' ittra elettronika, bil-posta postali, jew personalment sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu, 2024, għal:

Kwot. Nru MLC/Q/40/02/2024. Kiri u armar ta' dekorazzjonijiet tat-toroq tal-Milied ta' daqsijiet differenti u ddisinjati b'mod uniku għall-istaġun tal-festi li ġej.

Baġit: €5,000 (mingħajr VAT)

Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta anki l-aktar offerta vantaġġjuża.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill bin-numru tat-telefown 2168 0622, jew permezz ta' ittra elettronika lil (mqabba.lc@gov.mt).

It-2 ta' Awwissu, 2024

MQABBA LOCAL COUNCIL

The Mqabba Local Council notifies that:

Quotations can be submitted to the Mqabba Local Council Office via email, postal mail, or in person until noon on Friday, 16th August, 2024, for:

Quot No. MLC/Q/40/02/2024. Rental and setup of diverse-sized and uniquely designed Christmas street decorations for the upcoming festive season.

Budget: €5,000 (exclusive of VAT)

The Council reserves the right of refusing even the most advantageous offer.

Further details can be obtained from the Executive Secretary by telephone number 2168 0622, or by email to (mqabba.lc@gov.mt).

2nd August, 2024

KUNSILL LOKALI X-XAGĦRA

Il-Kunsill Lokali x-Xagħra jgħarraf illi:

Sejħiet għall-kwotazzjonijiet għandhom jintlaqgħu mill-Kunsill Lokali x-Xagħra, permezz tal-ePPS, sal-10.30 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Awwissu, 2024, għal:

Kwot. Nru. TXLC/03/2024. Tindif tat-toroq għall-Festa ta' Maria Bambina bl-użu ta' vettura tas-servizz b'emissjonijiet baxxi.

Id-dokumenti tal-kwotazzjoni huma bla ħlas u jiġu miksuba, imniżżla u milqugħa BISS mis-sit elettroniku tal-etenders (www.etenders.gov.mt).

Kull kjarifika jew addenda lid-dokument tal-kwotazzjoni jittellgħu fuq is-sit elettroniku u wieħed jista' jarahom jew iniżżilhom mill-istess sit.

Il-Kunsill Lokali jżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġjuża.

It-2 ta' Awwissu, 2024

XAGĦRA LOCAL COUNCIL

The Xagħra Local Council notifies that:

Quotations will be received at the Xagħra Local Council through ePPS, up to 10.30 a.m. Wednesday, 21st August, 2024, for:

Quot. No. TXLC/03/2024. Street cleaning for the Feast of Maria Bambina using a low emission service vehicle.

Quotation documents are free of charge and are to be viewed/downloaded and submitted ONLY through the etenders website (www.etenders.gov.mt).

Any clarifications or addenda to the quotation document will be uploaded and available to view and download from this same website.

The Local Council reserves the right to refuse any offer, even the most advantageous.

2nd August, 2024

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1641

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fis-26 ta' Lulju 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-artiklu 931(3) tal-Kodiċi

By virtue of a decree issued by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, on the 26th of July 2024, the publication of the extract reproduced hereunder was ordered for the purposes of notification

ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Bandu għall-kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-uffiċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

B'digriet mogħti fis-26 ta' Lulju, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa ta' Luigi Gambin iben Vincenzo u Maria Gambin née Teuma li miet nhar is-7 ta' Lulju, 1979, u lill-eredi mhux magħrufa ta' Saviour Debrincat iben Francis Debrincat u Josephine Debrincat née Muscat, li miet nhar is-26 ta' Frar, 1987, u dan fl-atti tal-ittra uffiċjali riprodotta hawn taħt, liema ittra ġġib in-numru 366/2024 fl-ismijiet 'Dott. Larry Formosa nomine versus Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa ta' Luigi Gambin iben Vincenzo u Maria Gambin née Teuma li miet nhar is-7 ta' Lulju, 1979, u lill-eredi mhux magħrufa ta' Saviour Debrincat iben Francis Debrincat u Josephine Debrincat née Muscat, li miet nhar is-26 ta' Frar, 1987', ippreżentata fit-11 ta' Ġunju, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' din l-ittra uffiċjali l-mittenti Dott. Larry Formosa (karta tal-identità numru 2587G) ta' Cosyra Legal, The Brokerage, Level 4, Triq Santa Marta, Ir-Rabat, Għawdex, għan-nom u in rappreżentanza tal-imsiefer Joseph Spiteri detentur tal-passaport Malti bin-numru 1227575 jagħmel riferenza għall-kuntratt ta' komprovendita tal-25 ta' Ġunju, 1971, u interpella sabiex żmien ġimgħa minn notifika ta' din l-ittra inti tersaq għall-korrezzjoni u ratifika tal-kejl indikat fl-istess kuntratt stante li dan mhux korrett.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

according to the article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure, Cap. 12 of the laws of Malta.

Banns for curators

Republic of Malta

To the executive officer of the Court of Magistrates (Gozo)

By a decree issued on the 26th of July, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown heirs of Luigi Gambin son of Vincenzo and Maria Gambin née Teuma who died on the 7th of July, 1979, and the unknown heirs of Savior Debrincat son of Francis Debrincat and Josephine Debrincat née Muscat, who died on the 26th of February, 1987, and this in the acts of the judicial letter reproduced below, which letter bears the number 366/2024 in the names 'Dr Larry Formosa nomine versus Deputy Curators to represent the unknown heirs of Luigi Gambin son of Vincenzo and of Maria Gambin née Teuma who died on the 7th of July, 1979, and the unknown heirs of Saviour Debrincat son of Francis Debrincat and of Josephine Debrincat née Muscat, who died on the 26th of February 1987', filed on the 11th of June, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

By virtue of this official letter the sender Dr Larry Formosa (identity card number 2587G) of Cosyra Legal, The Brokerage, Level 4, Triq Santa Marta, Victoria, Gozo, on behalf of the expatriate Joseph Spiteri holder of the Maltese passport bearing number 1227575 makes reference to the contract of sale and purchase of the 25th June, 1971, and calls upon you so that within one week from the notification of this letter you come forward for the correction and ratification of the measurements indicated in the same contract since such is not correct.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to be appointed as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring so.

You are also ordered to inform one and all that if they do not make this declaration within the time period given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Magistrate of the aforementioned Court.

Illum 26 ta' Lulju, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali.

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Today the 26th of July, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section.

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1642

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1402/2023MH, li ġie ppreżentat fit-12 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet: Mercieca Henry et vs Liftman Malta Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tiddikjara li s-soċjetà intimata naqset milli tħares l-obbligazzjonijiet tagħha u tiddikjara li r-rikorrenti għandhom iħallsu prezz anqas minn dak pattwit. Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-smigħ nhar it-28 ta' Ottubru, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat: Liftman Malta Limited, 9, Bienvenidos, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 14th June, 2024, in the records of the Sworn Application number1402/2023MH, which was filed on the 12th December, 2023, in the names: Mercieca Henry et vs Liftman Malta Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 for the purpose of service of the respondent. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Declare that the respondent company failed to comply with its obligations and declare that the applicants are to pay a price less than that agreed. With costs against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is adjourned for hearing on the 28th October, 2024, at 9.30 a.m.

Notify Respondent: Liftman Malta Limited, 9, Bienvenidos, Triq il-Bizzilla, Ħal Għaxaq

Registry of the Superior Courts, today 12th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1643

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fil-5 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali numru 619/2023GG, li ġie ppreżentat fl-14 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet: Borg Manchè David vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallas l-istess kumpens u danni likwidati lir-rikorrent ai termini tal-liġi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Novembru, 2024, fid-9.15 a.m.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 5th June, 2024, in the records of Constitutional Application number 619/2023GG, which was presented on the 14th December, 2023, in the names: Borg Manchè David vs State Advocate et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap.12 for the purpose of service of the respondents. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the respondents, or either of whom, to pay the same compensation and damages liquidated to the applicant in terms of law. With costs against the defendants who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 28th November, 2024, at 9.15 a.m.

Notifika Intimat: Barbara Maria Lourdes, 78, Triq Nazzarenu, Paola

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Ġunju, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notify Respondent: Barbara Maria Lourdes, 78, Triq Nazzarenu, Paola

Registry of the Superior Courts, today 11th June, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1644

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' April, 2024, Rikors numru 387/2024, minn Carmel Schembri fejn talab li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmel Schembri fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (1/2) indiviż favur Annette Camilleri s-suċċessjoni ta' ommhom Helen Schembri, armla ta' George Schembri, bint il-mejtin Annetto Camilleri u Emmanuela Camilleri née Grech, imwielda Ħal Qormi, kienet toqgħod Ħal Qormi u mietet Ħal Luqa, Malta, fid-29 ta' Diċembru, 2023, ta' 77 sena, u li kellha karta tal-identità numru 0039447M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 30 ta' Lulju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 25th April, 2024, Application number 387/2024, by Carmel Schembri whereby he requested that it be declared open in favour of Carmel Schembri in the quota of one half (1/2) undivided and the remaining one half (1/2) undivided share in favour of Annette Camilleri the succession of their mother Helen Schembri, widow of George Schembri daughter of the late Annetto Camilleri and Emmanuela Camilleri née Grech, born in Ħal Qormi, resided in Ħal Qormi and died in Ħal Luqa, Malta, on the 29th December, 2023, aged 77, and who held identity card number 0039447M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 30th July, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1645

B'digriet tat-22 ta' Lulju, 2024, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taht biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-21 ta' Frar, 2024, minn Joanne Borg, Subbasta bin-numru 9/2024 fl-ismijiet Joanne Borg (KI 427498M) vs David Abela (KI 572177M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-flat internament immarkat bin-numru 2 (tnejn) formanti parti minn blokk bini ta' żewġ appartamenti, mingħajr numru uffiċjali u mingħajr isem mibni fuq il-plott indikata bin-numru mhux uffiċjali tlieta ittra 'A' (3A) fi Triq Blat

By a decree given on the 22nd July, 2024, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court, First Hall, on the 21st February, 2024, by Joanne Borg, Judicial Sale file number 9/2024 in the names Joanne Borg (ID 427498M) vs David Abela (ID 572177M) is being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The flat internally marked with the number 2 (two) forming part of a building block of two apartments, unnumbered officially and unnamed built on the plot indicated with an unofficially number three letter 'A' (3A)

il-Qamar, Is-Siġġiewi, bil-komunjoni tal-entratura, entrata, it-taraġ, it-tromba tat-taraġ konfinanti min-Nofsinhar ma' proprjetà ta' Peter Paul u Michaelangelo aħwa Cutajar, mill-Punent ma' ġid ta' Peter Pace u mit-Tramuntana ma' triq imsemmija jew irjieħ verjuri oħra u kif ukoll il-parti diviża tal-bejt u l-washroom eżistenti fuqha tal-kejl ta' ċirka disgħa u tletin metru kwadru punt erbgħa (39.40 mk) u ċjoè dik il-parti diviża li tinsab fuq in-naħa ta' quddiem tal-imsemmi blokk bini; liberi u franki, bid-drittijiet u ġustijiet tagħhom kollha u dan kif deskritt aħjar fl-atti tal-kuntratt tal-erbgħa ta' Ġunju elfejn u ħmistax (4.6.2015) fl-atti tan-Nutar Dott. Sandra Valentino.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Joanne Borg (KI 427498M) u David Abela (KI 572177M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 26 ta' Lulju, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in Triq Blat il-Qamar, Siġġiewi, with the common entrance, entrance, the stairs, the stairwell and bounded on the south by property of Peter Paul and Michaelangelo brothers Cutajar, on the west by property of Peter Pace and on the north by the said street or other correct boundaries and as well the divided part of the roof and the existing washroom on it measuring approximately of thirty nine point four square metres (39.40 m^2) and i.e. that divided part situated on the front side of the said building block, free and unencumbered, with all its rights and appertunances and this as better described in the acts of the contract of the fourth of June of the year two thousand and fifteen (4.6.2015) in the records of Notary Dr Sandra Valentino.

The said property belongs to Joanne Borg (ID 427498M) and David Abela (ID 572177M).

Registry of the Superior Courts, this Friday, 26th July, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1646

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Marzu, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 19 ta' Settembru, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra numru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Gustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-penthouse internament immarkat numru erbgħa (4) sitwat fil-ħames sular (fifth floor level) formanti parti minn blokk ta' appartamenti, bla numru imma bl-isem 'GT Court D', aċċessibbli direttament minn Triq Jean de la Vallette, San Pawl il-Baħar, liberu u frank, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tiegħu, inkluż is-sehem indiviż prorata mas-sidien tal-appartamenti l-oħra tal-blokka tal-użu tal-partijiet komuni tal-blokka, intizi għall-użu komuni iżda ma tinkludix l-arja sovrastanti però sid il-penthouse kif ukoll dawk is-sidien l-oħra tal-blokka għandhom id-dritt jaċċedu fuq il-bejt sabiex jinstallaw, imantnu u jsewwu tank tal-ilma u aerial tat-televiżjoni u/jew dixx tas-satellita, stmata li tiswa tliet mija u għoxrin elf ewro (€320,000).

Il-blokka hija konfinanti mix-Xlokk mal-imsemmija triq, mill-Majjistral ma' proprjetà ta' Raymond Galea jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu u mil-Grigal ma' proprjetà ta' Northside Company Ltd jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, u dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Roberta Bisazza tat-tmintax ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (18.10.2006).

By decree given by the Civil Court, First Hall, on 1st March, 2024, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 19th September, 2024, at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction, to be held in room number 78 nearby the Archives, Level -1, Court of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The penthouse internally marked number four (4) situated on the fifth floor level forming part of an unnumbered block of apartments, but named 'GT Court D', directly accessible from Triq Jean de la Vallette, St Paul's Bay, free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, including an undivided pro rate share with the other owners of the apartments the use of the common parts of the block, intended for the common use but excluding the overlying airspace but the owner of the penthouse, with the other owners of the block, shall have the right of access onto the roof for the installation, maintenance and repairs of a water tank and television aerial and/or satellite dish, valued at three hundred and twenty thousand euro (€320,000).

The block is bounded on the South East by the said street, on the North West by property of Raymond Galea or his successors in title and on the northeast by property of Northside Company Ltd or its successors in title, and this as described better in the records of Notary Roberta Bisazza of the eighth of October of the year two thousand and six (18.10.2006).

L-imsemmi fond huwa proprjetà tal-mejjet Stephen John Cotterill (passaport numru 650603690) u b'digriet tat-18 ta' Awwissu, 2021, ġew nominati kuraturi deputati Dott. Joseph P. Bonnici u PL Daniel Aquilina għall-eredi mhux magħrufa tal-imsemmi.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 9/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The said tenement is the property of the deceased Stephen John Cotterill (passport number 650603690) and by decree of the 18th August, 2021, had been nominated curators Dr Joseph P. Bonnici and Daniel Aquilina LP for the unknown heirs of the said.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 9/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 30th July, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1647

Illi b'digriet tat-Tribunal tal-Konsumaturi, tal-10 ta' Lulju, 2024, ġiet ordnata l-publikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Christian Barbara (KI 470687M) ta' 43, In-Niċċa, Triq San Ġużepp, Ħaż-Żabbar, ZBR 3321, ippreżenta Talba, fit-18 ta' Frar, 2024, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Roderick Bellizzi – Belltech Finishing Solutions (VAT MT 2095-9510) ta' Flat 8, Blokk C3, Triq Fonsu Marija Galea, Birkirkara, BKR 4450, sabiex jħallas lill-attur is-somma ta' €720 liema ammont huwa dovut lill-attur.

Il-kawza (CCT Numru 40/2024) hija differita għall-11 ta' Settembru, 2024 fid-9.30 a.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum, 1 ta' Awwissu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Consumer Claims Tribunal of 10th July, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Christian Barbara (ID 470687M) of 43, In-Niċċa, Triq San Ġużepp, Ħaż-Żabbar, ZBR 3321, filed a Claim on the 18th February, 2024 whereby he asked the Tribunal to condemn Roderick Bellizzi – Belltech Finishing Solutions (VAT MT 2095-9510) of Flat 8, Blokk C3, Triq Fonsu Marija Galea, Birkirkara, to pay the plaintiff the sum of €720 which amount is due to the plaintiff.

The case (CCT Number 40/2024) is put off on the 11th September, 2024 at 9.30 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 1st August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

1648

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-14 ta' Frar, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' James Gregory.

Rebekah-Ann Borg (KI 042787M) ta' Ħal Warda Res Blk H, Fl 7, Triq Ħal Warda, Attard, ATD 1800, ippreżentat Talba, fit-8 ta' Frar, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil James Gregory (KI 237175M) ta' Carob,

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 14th Frar, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent James Gregory in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Rebekah-Ann Borg (ID 0427287M) of Ħal Warda Res Blk H, Fl 7, Triq Ħal Warda, Attard, ATD 1800, filed a Claim on the 8th February, 2023, whereby she asked the Tribunal to condemn James Gregory (ID 237175M) of Carob, Flt

Flt 13B, Triq L. Apap San Ġiljan sabiex jħallas lill-attriċi s-somma ta' €1416 liema ammont huwa dovut lill-attriċi.

Il-kawża (Avviż numru 53/2023MD) hija differita għat-8 ta' Ottubru, 2024, fis-1.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-1 ta' Awwissu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

13B, Triq L. Apap, St Julians, to pay the plaintiff the sum of €1416 which amount is due to the plaintiff.

The case (Claim number 53/2023MD) is deferred on the 8th October, 2024, at 1.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 1st August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1649

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fl-24 ta' Lulju, 2024 (Rikors numru 60/2024) rikors tan-Nutar Enzo Dimech noe fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Lawrence Caruana, armel ta' Lynette Margaret Caruana, iben il-mejtin Francis Caruana u Mary Caruana née Grima, imwieled San Lawrenz, Għawdex fit-18 ta' April, 1945 u miet San Lawrenz, Għawdex fit-3 ta' Marzu, 2023 (Karta tal-Identità Numru 37345G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur tal-ħames uliedu u ċjoe Francis Caruana (K.I. 24203L), Mark Caruana (K.I. 11378G), Joseph Caruana (K.I. 24489G), Lawrence Caruana (Passaport Awstraljan numru PA53430380 u Michael Caruana (Passaport Awstraljan numru PA7139745) fi kwoti ndaqs u ndiviżi bejniethom, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum, 1 ta' Awwissu, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 24th of July, 2024 (Application number 60/2024) by Notary Enzo Dimech noe, the opening of the SUCCESSION was requested of Lawrence Caruana, widower of Lynette Margaret Caruana, son of the late Francis Caruana and Mary Caruana née Grima, born in San Lawrenz, Gozo on the 18th of April, 1945 and died in San Lawrenz, Gozo on the 3rd of March, 2023 (Identity Card number 37345G), which aperture of succession is to be made in favour of his five children namely Francis Caruana (I.D. 24203L), Mark Caruana (I.D. 11378G), Joseph Caruana (I.D. 24489G), Lawrence Caruana (Australian Passport number PA53430380 and Michael Caruana (Australian Passport number PA7139745) in equal and undivided shares between them, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr. Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today the 1st of August, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

1650

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tas-26 ta' Lulju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 511/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid ta' Ma Marcellina Manaois Aquilina fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex it-tieni isem tagħha jiġi mibdul minn 'Soriano' għal 'Manaois', kif ukoll li dan it-tibdil isir ukoll fl-Att taż-Żwieġ numru 3729/2018.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, il-Ħamis 1 ta' Awwissu, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 26th July, 2024, and upon an application numbered 511/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry so, when he comes to register the Act of Birth of Ma Marcellina Manaois Aquilina in the Public Registry of Malta, make the appropriate annotations or corrections so that her second name is to be changed from 'Soriano' to 'Manaois', this change is also made in the Act of Marriage number 3729/2018.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Thursday, 1st August, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

1651

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili, b'Digriet tal-21 ta' Lulju, 2024, u dan wara Rikors b'numru 772/2024, ordnat:

Lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li meta jiġi biex jirreġistra l-Att tat-Twelid esteru ta' Jovelyn Evangelista Florida fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta, jagħmel l-annotazzjonijiet jew korrezzjonijiet opportuni biex it-tieni isem tagħha jiġi mibdul minn 'Manalo' għal 'Evangelista', u li dan it-tibdil isir ukoll fuq l-Att taż-Żwieġ numru 651/2021.

Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili

Illum, il-Ħamis 1 ta' Awwissu, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified that in virtue of the powers conferred by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a Decree dated the 21st July, 2024, and upon an application numbered 772/2024, ordered:

To the Director of the Public Registry so, when he comes to register the Foreign Act of Birth of Jovelyn Evangelista Florida in the Public Registry of Malta, make the appropriate annotations or corrections so that her second name is to be changed from 'Manalo' to 'Evangelista', and that this change is also made on the Act of Marriage number 651/2021.

Court of Revision of Notarial Acts

Today, Thursday 1st August, 2024

ADRIAN MICALLEF
Deputy Registrar Court of Revision of Notarial Acts

1652

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti Minorenni fid-19 ta' Lulju, 2024, fl-atti tar-rikors numru 74/2024AC, fl-ismijiet Direttorat għall-Kura Alternativa (Tfal u Żgħażagħ) vs X ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree of the 19th July, 2024, handed down by the Juvenile Court in the records of the application number 74/2024AC in the names Directorate for Alternative Care (Children and Youths) vs X, the following publication

konfront tal-intimati Claydianne Cassar u Leonardo Attard a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Direttorat għall-Kura Alternativa (Tfal u Żgħażagħ) vs X preżentat fil-Qorti tal-Minorenni, fl-14 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrenti Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tappunta r-rikors għas-smigħ sabiex din l-Onorabbli Qorti tisma' lill-partijiet involuti ai termini tal-Artikolu 24(5) tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna li l-minuri – omissis – li tinsab taħt ordni ta' ħarsien tiġi rilaxxata għall-adozzjoni magħluqa ai termini tal-Artikolu 24(1) et seq tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Tirreferi d-digriet tagħha flimkien mar-rikors lill-Qorti Civili (Sezzjoni Gurisdizzjoni Volontarja) sabiex din il-Qorti tgħaddi biex tisma' u tiddeċiedi fuq l-adozzjoni tal-minuri u dan ai termini tal-artikolu 24(7) tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Il-kawza fl-ismijiet Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) vs – omissis - (Rikors Numru 74/2024AC) jinsab differit għas-6 ta' Awwissu, 2024 fid-9.00 a.m.

Notifika: Claydianne Cassar – 80, Triq Santa Luċija, Valletta.

Leonardo Attard – Block A, Flat 15, Triq ic-Cikas, Ħaż-Żabbar.

Fil-Qorti tal-Minorenni

Magistrat - Dr Abigail Critien B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tad-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) fi Ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali tal-14 ta' Ġunju, 2024;

was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Claydianne Cassar and Leonardo Attard in terms of Article 187(3) et seq of Cap. 12.

By means of an application in the names Directorate for Alternative Care (Children and Youths) vs X filed in the Juvenile Court, on the 14th June, 2024, the applicant Directorate for Alternative Care (Children and Youths) requested this Honourable Court so that it:

1. Appoints the application for hearing so that this Honourable Court hears the parties involved in terms of Article 24 (5) of Cap 602 of the Laws of Malta;

2. Order that the minor – omissis – who is under a protection order be released for adoption closed in terms of Article 24 (1) et seq of Cap 602 of the Laws of Malta;

3. Refers its decree together with the application to the Civil Court (Voluntary Jurisdiction Section) so that this Court proceeds to hear and decide on the adoption of the minor and this in terms of Article 24 (7) of Cap 602 of the Laws of Malta.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

The case (Application Number 74/2024AC) in the names Directorate for Alternative Care (Children and Youths) vs – omissis - is postponed to the 6th August, 2024 at 9.00 a.m.

Notification Claydianne Cassar – 80, Triq Santa Luċija, Valletta.

Leonardo Attard – Block A, Flat 15, Triq ic-Cikas, Ħaż-Żabbar.

In the Juvenile Court

Magistrate - Dr Abigail Critien B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.

The Court,

Saw the application of Directorate for Alternative Care (Children and Youths) within the Foundation for Social Welfare dated 14th June, 2024;

Tilqa' l-ewwel talba u tappunta r-rikors għas-smigħ għas-6 ta' Awwissu 2024 fid-9.00 a.m;

F'dan l-istadju tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba u dan sabiex fl-ewwel lok il-ġenituri bioloġiċi jingħataw iż-żmien sabiex jintavolaw ir-risposta tagħhom (wara li jkunu debitament notifikati bir-rikors promotur flimkien mad-digriet odjern) kif ukoll sabiex tisma' l-provi li għandhom jitressqu mid-Direttorat u sabiex tisma dwar ix-xewqat tal-istess minuri tramite l-Avukat tat-tfal Dr Marita Pace Dimech li qed tiġi nominata minn din il-Qorti għal dan il-għan u sabiex tirraporta lil din il-Qorti dwar dak kollu li hu relatat mat-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur fl-aħjar interessi tal-minuri;

Tordna notifika ta' dan ir-rikors

Illum 18 ta' Ġunju, 2024

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum t-2 ta' Awwissu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Upholds the first demand and appoints the application for hearing for the 6th August, 2024 at 9.00 a.m.

At this stage it abstains from taking cognizance of the second and third demand and this so that firstly the biological parents are given time to file their reply (after being duly notified with the original application together with the present decree) as well as to hear the evidence to be brought forward by the Directorate and to hear the wishes of the same minor through the children's Advocate Dr Marita Pace Dimech who is being nominated by this Court for this purpose and to report to this Court on all that is related to the demands as brought forward in the original application in the best interests of the minor;

Orders that this application be notified

Today 18th June, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 2nd August, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1653

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti , fit-12 ta' Ġunju 2024, fuq talba ta' Retail Properties Limited ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Deborah Kaye Wanstall u Nicholas Sargent, fl-atti tar-Rikors numru 627/2024MH, fl-ismijiet Retail Properties Limited vs Mark Gaffarena et u kuraturi deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Guramentat, ippreżentat, fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Retail Properties Limited (C 20226) vs Mark (KI 447176M) u Josielle (KI 0072583M) konjugi Gafferena; u Kathleen Borg Olivier (KI 0857747M); Alexander Borg Olivier (Ki 0145446M) u Kristoff Bonello-Thorpe (KI 0191678M) u Krista D'Ancona (KI 0490875M) u Grace Bonello (KI 546759M) u Lydie Banot (KI 783954M) u kuraturi deputati sabiex

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court, on the 12th June 2024, following a request of Retail Properties Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent Deborah Kaye Wanstall and Nicholas Sargent , in the records of the Sworn Application 627/2024MH, in the names Retail Properties Limited vs Mark Gaffarena et and deputy curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed in the First Hall Civil Court, in the names Retail Properties Limited (C 20226) vs Mark (ID 447176M) and Josielle (ID 0072583M)spouses Gafferena; and Kathleen Borg Olivier (ID 0857747M); Alexander Borg Olivier (ID 0145446M) and Kristoff Bonello-Thorpe (ID 0191678M) and Krista D'Ancona (ID 0490875M) and Grace Bonello (KI 546759M) and Lydie Banot (ID 783954M) and deputy curators to represent the

jirrappreżentaw l-assenti Deborah Kaye Wanstall u Nicholas Sargent karta tal-identità mhux magħrufa, ippreżentat fil-5 ta' Ġunju, 2024, ir-rikorrenti Retail Properties Limited (C 20226) talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-proprjetà mhijiex komodament diviżibbli bejn il-partijiet fil-kwoti rispettivi tagħhom;

2. Tordna li l-proprjetà tinbiegħ b'liċitazzjoni kif soġġetta għall-pizijiet u l-gravami tagħha;

3. Tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetà b'liċitazzjoni jiġi diviż bejn il-kontendenti skont il-kwoti rispettivi tagħhom u dan wara li jitnaqqsu l-ispejjeż rilevanti sabiex issir il-liċitazzjoni.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti għas-subizzjoni.

Attur: 24, Lascaries Buildings, Lascaris Wharf, Valletta.

notifika: Kuraturi deputati – Il-Qorti

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija biex xhieda tal-Onor Imħallef Miriam Hayman LL.D., Duttur tal-Liġi.

Illum 12 ta' Ġunju 2024.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 2 ta' Awwissu, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

absentees Deborah Kaye Wanstall and Nicholas Sargent, on the 5th June, 2024 the applicant Retail Properties Limited requested with respect this Honourable Court to:

1. Declare that the property cannot be comfortably divided between the parties in their respective shares;

2. Order that the property be sold by licitation as subject to its burdens and encumbrances;

3. Order that the proceeds from the sale of the property by licitation be divided between the parties according to their respective shares and this after deducting the relevant expenses for the licitation.

With costs against the respondents, who are from now summoned so that a reference to their oath be made.

Applicant – 24, Lascaries Buildings, Lascaris Wharf, Valletta

Notification: Deputy curators – Law Courts

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Jusice Miriam Hayman LL.D. , Doctor of Laws.

Today 12th June 2024

Registry of the Superior Courts, today 2nd August, 2024.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*